MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Laqgħa Numru 22

Il-Ġimgħa 23 t'Ottubru 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex nhar il-Ġimgħa 23 t'Ottubru 2020 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

22.1.1 Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier is-Sinjura Juliet Attard li ma setgħetx tattendi minħabba raġunijiet personali. Il-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

22.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 21 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

22.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

22.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

22.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri informa lill-membri li hekk kif maqbul f'laqgħa preċedenti, ġiet sottomessa l-applikazzjoni maħruġa minn Transport Malta għall-fondi taħt l-iskema *European Mobility Week Malta 2020* biex tinxtara vann taħdem bl-elettriku għall-użu tal-komunita' fil-Munxar u x-Xlendi biex iżżid l-aċċessibilta' fost ir-residenti kollha.

22.3.2 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri informa lill-membri li hekk kif diskuss f'laqgħa preċedenti, ġiet skedata laqgħa virtwali maċ-*Chairman* tal-Awtorita' tal-Ippjanar għal nhar l-Erbgħa 28 t'Ottubru 2020 biex tiġi diksussa s-sitwazzjoni tal-iżvilupp fix-Xlendi.

22.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li fuq inizjattiva tal-Kunsill Reġjonali Għawdex, saret laqgħa ġewwa l-Ministeru għal Għawdex flimkien

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

ma' rapreżentant tal-Malta Tourism Authority u mas-Sindku taż-Żebbuġ Għawdex dwar is-sitwazzjoni tal-ġbir tal-iskart kummerċjali. Huwa qal li waqt din il-laqgħa ġie deċiż sabiex iż-żewġ Kunsilli jiltaqgħu mas-sidien tal-istabilimenti kummerċjali bi proposta sabiex l-iskart tagħhom jibda jinġabar minn kuntrattur wieħed wara li jsir ftehim bejn l-istabilimenti kollha u titħallas rata fissa u mhux skont l-ammont ta' skart li jinħareġ. Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjin ser ikun qed jiltaqa' mas-sidien tar-ristoranti dwar dan.

22.3.4 Dwar il-proġett ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi, is-Sindku informa lill-membri li wara xi laqgħat li saru fosthom mal-Perit u mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali ser tiġi sottomessa applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isiru xi emendi għall-permess fosthom fejn jirrigwardja s-saqaf tat-torri.
Is-Sindku qal ukoll li bħalissa qed issir komunikazzjoni mas-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej kif ukoll mal-Ministru Għal Għawdex biex tinstab ġurnata għall-konferenza stampa biex jiġi varat il-bidu tax-xogħol ta' restawr. Dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li qed jinġabru kwotazzjonijiet għal servizzi promozzjonali.
Is-Sindku għarraf lill-membri li skont il-permess maħruġ mill-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi, ġew rilokati l-pjanti protetti li kienu jinsabu ħdejn it-torri.
Is-Sindku informa lill-membri li hekk kif maqbul permezz ta' korrispondenza mibgħuta lill-membri bl-email, ġie ffirmat addendum tal-kuntratt tax-xogħlijiet ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi bid-data tat-tlestija tax-xogħol estiża sal-15 ta' Jannar 2021.

22.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li ser tiġi sottomessa talba għal estensjoni għad-data tat-tlestija tal-proġett ta' restawr tax-xelters tal-gwerra b'sitt xhur, kif ukoll issir reviżjoni tas-sistema tad-dawl proposta fl-istess xelter. Kien hemm qbil dwar dan.

22.3.6 Is-Sindku informa lill-membri li ġiet approvata wkoll it-tieni applikazzjoni għall-fondi ewropej taħt il-miżura 4.4 biex jiġu restawrati aktar ħitan tas-sejjieħ madwar il-lokalita' liema fondi jammontaw għal €75,703.82.

22.3.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li flimkien mal-Viċi Sindku attendew għall-preżentazzjoni ta' żewġ *Automated External Defibrillators* (AED) li ngħataw lill-Kunsill Lokali Il-Munxar mill-Kunsill Reġjonali u mill-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Gozo CCU Foundation. Is-Sindku ppropona sabiex dawn jiġu nstallati fil-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar u fi Pjazza Anfori fix-Xlendi waqt l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' riġenerazzjoni fuq dawn iż-żewġ pjazez. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

22.3.8 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Ministeru Għal Għawdex flimkien mal-Malta Cadets Corps ukoll ser jinstallaw żewġ *Automated External Defibrillators* (AED) oħra waħda fil-Munxar u oħra fix-Xlendi. Is-Sindku ppropona sabiex dawn jiġu nstallati fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina fil-Munxar u fi Triq San Xmun fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

22.3.9 Is-Sindku informa lill-membri li attenda għal-laqgħa fejn qed isir studju biex jiġi mhejji *masterplan* dwar il-widien f'Għawdex fosthom il-Wied tax-Xlendi.

22.3.10 Is-Sindku għarraf lill-membri dwar laqgħa li saret mal-Kappillan Dun Michael Said dwar il-problemi li qed taffaċċja l-Parroċċa speċjalment f'dan iż-żmien tal-pandemija.

22.3.11 Is-Sindku informa lill-membri li bdew il-korsijiet tal-Lifelong Learning fiċ-Ċentru Parrokkjali. Wara diskussjoni dwar is-suġġett, kien hemm qbil mill-membri li titħallas kirja għall-użu tas-sala Parrokkjali ta' €10 kull lezzjoni.

22.3.12 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara li nħareġ avviż lir-residenti tal-Munxar u tax-Xlendi, is-servizz tal-vaċċin kontra l-influenza staġjonali ingħata lil kull min wera l-interess nhar it-Tlieta 13 t'Ottubru 2020 u l-Ġimgħa 16 t'Ottubru 2020 fil-berġa tal-Kunsill Lokali.

## 22.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

22.4.1 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil staqsa dwar il-proġett tal-*masterplan* ta' Pjazza Anfori fix-Xlendi biex ikun jaf meta ser jibda dan ix-xogħol. Is-Sindku wieġeb li waqt laqgħa li kellu mad-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex madwar xahar ilu ġie nfurmat li x-xogħol kien se jibda fi żmien ftit ġimgħat minħabba li r-rilokazzjoni tas-siġar iridu jsiru bejn Ottubru u Marzu. Is-Sindku qal ukoll li waqt l-istess laqgħa hu ġibed l-attenzjoni li l-fanali li ġew installati mill-Ministeru fil-bidu ta' dan is-Sajf m'humiex ikunu

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

jixgħelu matul il-lejl kollu.
Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil ġibed l-attenzjoni wkoll għall-ammont ta' skart li qed ikun hemm fi Triq Puniċi fix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li l-iskart goff ser jinġabar mill-Kunsill fil-jiem li ġejjin filwaqt li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tas-sezzjoni tal-Indafa Pubblika fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex biex is-servizz tal-knis ikun aktar frekwenti.

22.4.2 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis, ressqet suġġeriment sabiex jerġa' jinqata' l-qasab fil-Wied tax-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba lil *EcoGozo* fi ħan il-Ministeru Għal Għawdex.

22.4.3 Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis, staqsiet dwar id-dwal taz-zuntier tal-Knisja tal-Munxar minħabba li jinsabu mitfija. Is-Sindku qal li dawn id-dwal ser isiru mill-ġdid inkorporati fil-proġett tal-Pjazza tal-Knisja. Kien hemm qbil mill-membri li sakemm jiġi implimentat dan il-proġett għandha tiġi identifikata il-kawża ta' din il-ħsara.

22.4.4 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi għarraf lill-Kunsill li fl-okkażżjoni tal-mitt sena mit-twaqqif tal-Partit Laburista, ser jitqassmu żewġ siġriet lill-Kunsill tal-Munxar. Kien hemm qbil sabiex dawn jitħawlwu fid-daħla tal-Munxar u oħra fix-Xlendi.

## 22.5 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti:
## *MXR/02/2020 – Works tender for the restoration of rubble walls at Triq tax-Xadba, Il-Munxar;*

22.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar it-28 ta' Settembru 2020 għas-sejħa għall-offerti MXR/02/2020 *'Works tender for the restoration of rubble walls at Triq tax-Xadba, Il-Munxar'*. Kien hemm ħames offerti :
Caruana and Cini Company Ltd - €146,250.00
Little Rock Quarry Ltd - €153,825.00
Eson - €141,500.00
Gatt Tarmac Ltd - €133, 482.00
All Buildings Limited - €110,700.00

22.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lit-tieni l-


KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

orħos offerent (Gatt Tarmac Ltd) minħabba li l-orħos offerent (All Buildings Limited) ma kienx teknikament konformi mar-rekwiżiti.
Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

## 22.6 Ir-Rapport Finanzjarju: Jannar 2020 – Settembru 2020;

22.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2020 sal-30 ta' Settembru 2020.
Wara spjega tar-rapport u diskussjoni bejn il-membri, ir-rapport finanzjarju Jannar 2020 – Settembru 2020 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 22.7 Il-Proġett tal-Pjazza tal-Knisja u l-Proġett *Slow Streets*;

22.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill li wara li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nediet il-proġett *Slow Streets* fejn il-Kunsill kien approva l-parteċipazzjoni tiegħu għall-istudju ta' dan il-proġett, id-Direttorat tal-Iskemi fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali ħareġ sejħa SPI/SCI/3/2020 għall-finanzjament ta' proġetti kapitali għall-aċċessibilita' u mobilita' biex dan il-kunċett jiġi implimentat. Is-Sindku ppropona sabiex isir proġett ta' pavimentar u *roundabout* għall-immaniġjar tat-traffiku fi Triq Dun Spir Gauci. Kien hemm qbil ma' din il-proposta mill-membri preżenti.

22.7.2 Dwar il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja, is-Sindku stqarr li l-Kunsill kien jirċievi numru ta' ilmenti dwar is-siġar tal-*ficus* fosthom li jħammġu ħafna, li kibru żżejjed, li l-għeruq tagħhom qed jagħmlu ħsara lill-pavimentar b'periklu għan-nies, kif ukoll li m'għandhomx il-konok strutturati tajjeb għall-ġid tas-siġar infushom. Il-Kunsill għalhekk kien iddeċieda f'laqgħa preċedenti li jissottometti applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi sabiex dawn is-siġar jiġu rilokati. Is-Sindku qal li wara aktar studju dwar ir-rilokazzjoni tas-siġar, ħareġ il-fatt li dan ix-xogħol ser jinvolvi spiża kbira u aktar mill-ispiża ser tissolva problema iżda ser jinħolqu oħrajn. Għalhekk is-Sindku ppropona sabiex jiġi sottomess rapport lill-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi, mill-istess tekniku li kien ħadem fuq din l-applikazzjoni,

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

sabiex minflok rilokazzjoni ta’ dawn is-siġar isir żbir estensiv, imbagħad la darba jibdew jikbru jibqgħu jinżabru frekwentament biex jinżammu f’forma tajba. Barra minn hekk titkabbar ftit il-konka ta’ kull siġra u ssir grada apposta tal-ħadid. Wara diskussjoni dwar din il-materja, kien hemm qbil mill-membri preżenti għal din il-proposta tas-Sindku u jitqabbad il-konsulent tekniku biex ihejji r-rapport u jiġi sottomess lill- Awtorita’ tal-Ambjent u r-Riżorsi.

## 22.8 Jum il-Munxar 2020;

22.8.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri ppropona sabiex fiċ-ċirkostanzi preżenti, minħabba l-pandemija tal-Covid-19, is-serata ta’ Jum Il-Munxar ma ssirx bħas-soltu fiċ-Ċentru Parrokkjali iżda minflok jithejja filmat qasir b’messaġġi tal-okkażżjoni u bil-preżentazzjoni ta’ ‘Ġieħ Il-Munxar 2020’. Dan il-filmat imbagħad jittella’ fuq il-paġna ta’ Facebook tal-Kunsill “Il-Munxar Local Council” nhar Jum il-Munxar. Huwa żied li l-quddiesa ta’ Radd il-Ħajr nhar Jum il-Munxar is-Sibt 12 ta’ Diċembru 2020 fil-5.30 ta’ filgħaxija issir fil-Knisja Parrokkjali ta’ San Pawl Nawfragu tal-Munxar bħal snin oħra. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar il-proposta mressqa mis-Sindku.

## 22.9 Milied 2020;

22.9.1 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mill-Ministeru Għal Għawdex sabiex dawk il-Kunsilli Lokali kif ukoll NGOs f’Għawdex li huma nteressati jorganizzaw xi attivita’/wirja għal żmien il-Milied jistgħu jressqu l-proposti tagħhom għal finanzjament. Is-Sindku qal li l-Kunsill applika għall-finanzjament u ser jingħata €5,000. Huwa qal skont l-applikazzjoni għall-fondi, il-Kunsill ser jagħmel tenttativ biex isir it-tqassim tar-rigali minn *Father Christmas* u attivita’ bil-*bouncing castles* għat-tfal, dejjem jekk l-awtoritajiet tas-saħħa jagħtu l-permess. Apparti minn hekk intalab u ġie approvat finanzjament għall-provvediment ta’ tiżjin tal-Milied ġdid.

22.9.2 Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri preżenti kollha li f’dawn iċ-ċirkostanzi tal-pandemija ma tantx hu żmien li jsiru attivitajiet u għalhekk għandha titressaq talba sabiex il-finanzjament jingħata kollu biex isir jew jinxtara tiżjin ġdid tal-Milied biex jiġu nstallati fi Pjazza tal-Knisja, fi Triq il-Madonna tal-Karmnu u Triq San



KUNSILL LOKALI MUNXAR

Pawl fil-Munxar, filwaqt li jsir tiżjin ieħor għal Triq ir-Rabat, Triq San Xmun u Triq il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi.

## 22.10 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

22.10.1 Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni għall-applikazzjoni sottomessa mal-Awtorita' tal-Ippjanar (DNO 00837/20) biex isir it-tisqif tax-xelter tal-gwerra li jinsab fil-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.10.2 Il-Kunsill irċieva risposta mingħand Transport Malta għat-talba tal-Kunsill biex karreġġjata mill-parkeġġ ta' Pjazza Anfori ssir *one-way*, kif ukoll tiġi nstallata *barrier* ħdejn l-*ATM* tal-HSBC. Transport Malta wieġbu li t-talba ġiet ikkunsidrata minnhom fl-ewwel t'Ottubru u għaldaqstant dakinhar kien ser jiskadi l-permess tal-għeluq temporanju għaż-żmien tas-Sajf fi Triq ir-Rabat. Transport Malta wieġbu li la darba Triq ir-Rabat ser tkun miftuħa l-*barrier* ma jibqax użu għaliha. Transport Malta staqsiet lill-Kunsill jekk iridx imexxi xorta waħda għall-permess ta' dik il-karreġġjata biex issir one-way. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri li skont l-indikazzjonijiet tad-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex dalwaqt ser jibda l-proġett tal-*masterplan* ta' Pjazza Anfori, Ix-Xlendi u għalhekk m'hemm bżonn li mmexxu b'din it-talba.

22.10.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn ġie msemmi li skont il-liġi, il-laqgħat tal-Kunsilli Lokali għandhom isiru fl-uffiċċji tal-Kunsill u laqgħat online mhux permessi bil-liġi. F'din il-korrispondenza ġie enfasizzat ukoll li l-Kunsilli Lokali għandhom jieħdu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji sabiex tiġi ssalvagwardjata is-saħħa ta' kull membru, kif ukoll l-użu tal-maskri l-ħin kollu waqt il-laqgħa. Il-President tal-Assoċjazzjoni tas-Segretarji Eżekuttivi (ANSEK), is-Sur Paul Gatt, f'isem il-Kumitat Eżekuttiv ikkonferma li jaqblu mal-gwida mogħtija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kif ukoll elenka xi miżuri ta' prekawzjonijiet li kull Kunsill għandu jieħu f'dawn iż-żminijiet. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

22.10.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fejn infurmaw lill-Kunsill li fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi il-flowmeter tal-ilma ma kienx qiegħed jirreġistra konsum u għaldaqstant il-korporazzjoni rrevediet il-kont tal-ilma bir-rata ta'

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

0.04 metru kubu kuljum matul il-perjodu mill-20/04/2015 sal-27/08/2019 li jammonta għal €126.90. Il-korporazzjoni ddikjarat li din ir-reviżjoni saret skont ir-Regolamenti dwar il-Provvista tal-Ilma (S.L. 545.03). Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.10.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq f'Għawdex b'risposta għall-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill biex triq ġdida fi Triq Ta' Rinota tissemma "Triq it-Tin". Il-Kumitat innota li fl-applikazzjoni ma kienx hemm indikat jekk it-triq hix pubblika jew privata, kif ukoll li l-isem Triq it-Tin ġa jeżisti fir-raħal ta' Sannat u l-Kumitat għandu policy illi ma jsemmix triq għal isem ġa eżistenti. Il-Kumitat talab lill-Kunsill sabiex iressaq isem ieħor għal din it-triq filwaqt li ssuġġerixxa li din it-triq tissemma "Triq l-Għargħar" li hija s-siġra nazzjonali ta' Malta. Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, ġie deċiż sabiex issir riċerka mad-Dipartiment tar-Reġistru tal-Artijiet dwar jekk it-triq hix pubblika jew privata, filwaqt li kien hemm qbil mal-isem propost mill-Kumitat.

22.10.6 Il-Kunsill irċieva stima għall-provvediment ta' *speed cushions* hekk kif approvati minn Transport Malta għal Triq il-Munxar. Wara diskussjoni mill-membri dwar din l-ispiża li hija għolja ħafna, kien hemm qbil li titressaq proposta lil Transport Malta sabiex minflokk *speed cushions* isiru *speed bumps* li huma ħafna orħos fil-prezz.

22.10.7 Il-Kunsill irċeva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex b'referenza għal dak li kien ġie diskuss fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun Għawdex, b'kopja tal-*Bye-Laws* kif preżentati mis-Sindku ta' San Lawrenz lir-Reġjun dwar it-tnaqqis tal-inkonvenjent fil-lokalita', fosthom dwar l-istorbju eċċessiv u dwar il-ġbir tal-iskart. Il-Kunsill Reġjonali talab lill-Kunsilli Lokali sabiex jaraw jekk jaqblux fil-prinċipju ta' dawn il-*Bye-Laws* biex eventwalment il-Kunsill Reġjonali jagħraf jipproċedi fit-tfassil ta' *Bye-Laws* Reġjonali. Wara diskussjoni dwar dan is-suġġett kien hemm qbil sabiex il-membri jaraw sew dawn id-dokumenti u l-Kunsill jiddeċiedi l-pożizzjoni tiegħu fil-laqgħa li jmiss.

22.10.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex b'inizjattiva għal żmien il-Milied biex isiru serati ta' Carol Singing fit-toroq tal-lokalita' biex iwasslu l-ferħ tal-Milied mingħajr riskju żejjed minħabba li l-kunċerti tal-Milied li ssoltu jsiru din is-sena mhux ser jinżammu minħabba l-pandemija COVID-19 u għalhekk dawn il-korijiet jallegraw lir-residenti ġewwa djarhom. Il-Kunsill

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Reġjonali talab lill-Kunsilli sabiex jidentifikaw xi kor preferibbilment mill-lokalita' stess. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex jiġi avviċinat il-kor tal-parroċċa għal din l-inizjattiva.

22.10.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza oħra mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex b'inizjattiva oħra għal żmien il-Milied. Minħabba ż-żmien tal-pandemija u s-solitudni li tista' ġġib magħha speċjalment lil ċertu residenti, il-Kunsill Reġjonali qed jipproponi sabiex f'Jum il-Milied titqassam ikla b'xejn lil dawk l-anzjani jew morda jew persuni vulnerabbli; u residenti oħra li jgħixu waħedhom; kif ukoll koppji anzjani li m'għandhomx min isajrilhom. Kien hemm qbil mill-membri dwar din il-proposta u jinħareġ avviż biex dawk kollha interessati u li jikkwalifikaw jinkitbu fl-uffiċċju tal-Kunsill.

22.10.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta b'notifika li qed isir eżerċizzju minn Transport Malta sabiex jitneħħew strutturi, sinjali, reklami u tabelli mit-toroq li huma mingħajr l-permessi neċessarji. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.10.11 Il-Kunsill irċieva konferma mingħand il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart residenzjali biex tiżdied ġabra ta' skart domestiku nhar ta' Sibt is-sena kollha, hekk kif maqbul u deċiż mill-Kunsill f'laqgħa preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li saret laqgħa bejn il-partijiet u ġie maqbul prezz ridott għal din iż-żieda fis-servizz.

22.10.12 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand residenta fi Triq il-Munxar li kienet ressqet ilment biex titmexxa bozza tat-triq minn mar-residenza tagħha. Issa fl-aħħar korrispondenza tagħha, din ir-residenta ssuġġeriet sabiex issir hood mal-istess bozza minflok titmexxa. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

22.10.13 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondenza li l-Kunsill irċieva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar akkumulazzjoni ta' *vacation leave* biex jiġu trasferiti għas-sena 2021. Huwa nforma lill-Kunsill li mill-vacation leave tas-sena 2019, id-Direttur fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kien approva trasferiment ta' 160 siegħa għas-sena 2020. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li mill-*vacation leave* ta' din is-sena preżentament għandu bilanċ ta' 254 sigħat.
Fis-sena 2020, minħabba li fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill tal-Fontana is-Segretarju Eżekuttiv kien l-uniku impjegat full-time filwaqt li l-iskrivana *part-time* kienet għadha fiż-żmien inizjali tal-impjieg

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

tagħha, kif ukoll minħabba li sar tibdil tas-Segretarju Eżekuttiv mill-Kunsill Lokali tal-Fontana għal dak tal-Munxar, is-Segretarju Eżekuttiv stqarr li ma setax jagħmel użu wisq mill-*vacation leave* disponibbli. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill sabiex 180 siegħa minnhom jiġġeddu u jiġu trasferiti għas-sena 2021. Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti.

22.10.14 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol sabiex jiġu nnominati bejn tlett u ħames persuni mill-lokalita' li jkun għamel suċċess fil-qasam tal-isport. Dawn il-persuni ser issir riċerka fuq is-suċċess tagħhom. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.10.15 Ċirkulari SPI/4/2020 – Informazzjoni dwar l-Integrazzjoni u Rijabilitazzjoni ta' Tfal li rritornaw mill-Istat Iżlamiku. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.10.16 Ċirkulari SPI/SCI/5/2020 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.10.17 Ċirkulari SPI/SCI/6/2020 – Finanzjament għall-Krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.10.18 Ċirkulari Nru AKL 2020/110 – ADHD Awareness Month of October. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.10.19 Ċirkulari Nru AKL 2020/111 – Assistenza ħdejn l-iskejjel biex tinżamm id-distanza soċjali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.10.20 Ċirkulari Nru AKL 2020/112 – Seasonal Influenza Vaccination Schedule Final – Health Centers, Community Clinics and Local Councils. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.10.21 Ċirkulari Nru AKL 2020/113 – Sessjoni Informattiva – Poloz tal-Assigurazzjoni u Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.10.22 Ċirkulari Nru AKL 2020/114 – The Building & Construction Agency

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

(BCA). Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.10.23 Ċirkulari Nru AKL 2020/115 – Ittra minn TM u AKL rigward it-tabelli fit-toroq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.10.24 Ċirkulari Nru AKL 2020/116 – Outdoor Potable Water Dispensers. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.10.25 Ċirkulari Nru AKL 2020/117 – Laqgħat tal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u bagħat l-informazzjoni rikjesta.

22.10.26 Ċirkulari Nru AKL 2020/118 – Skema ta' tħawwil ta' siġar f'żoni urbani fil-lokalita' – Ministeru għat-Turiżmu. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill juri interess għal provvediment ta' siġar ġodda għax-Xlendi kif ukoll għad-daħla tal-Munxar.

22.10.27 Ċirkulari Nru AKL 2020/119 – Minuti Laqgħa AKL Nu 38. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.10.28 Ċirkulari Nru AKL 2020/120 – Applikazzjoni għall-Proġett Youth Say: Cultivating the Next Generation of Community Leaders. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.10.29 Ċirkulari Nru AKL 2020/121 – President's Fun Walk 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil fuq rotta li għandha tiġi proposta.

22.10.30 Ilment 24/2020
Titlob sabiex tissolva l-problema tal-ilma quddiem ir-residenza tagħha. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jieħu parir mingħand il-Perit biex isir *water culvert* f'dawk l-inħawi.

22.10.31 Ilment 25/2020
Jitlob sabiex issir grada għall-ilqugħ tal-ilma fi Ġnien Ragalna. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan is-suġġeriment.

22.10.32 Ilment 26/2020
Jitlob sabiex jitneħħa l-periklu tal-bankina tar-residenza tiegħu. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jieħu parir mingħand il-Perit.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

22.10.33 Ilment 27/2020

Jitlob biex tgħola l-bankina quddiem il-garaxx tiegħu fi Triq il-Madonna tal-Karmnu minħabba l-problema tal-ilma. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jieħu parir mingħand il-Perit u jitnaddfu l-*water culverts* ta' dik it-triq.

22.10.34 Ilment 28/2020

Jitlob sabiex issir grada mat-turġien tal-bajja tax-Xlendi biex ma jkunux jiżolqu. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jiġi diskuss mas-sezzjoni tal-*Beach Cleaning* fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex.

22.10.35 Ilment 29/2020

Jitlob sabiex issir manutenzjoni tal-bankina eżistenti fi Triq il-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

22.10.36 Ilment 30/2020

Jitlob sabiex wieħed mill-parkeġġi fi Triq Puniċi isir riżervat għall-persuni b'diżabilita', kif ukoll biex issir mera tat-traffiku fi Triq ix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri għal dawn il-proposti mressqa.

22.10.37 Ilment 31/2020

Qed jikkontesta d-deċiżjoni tal-Kunsill f'laqgħa preċedenti biex issir bankina ġdida fi Triq ir-Rumani minħabba l-ischeme alignment. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jieħu parir mingħand il-Perit.

22.10.38 Ilment 32/2020

Jitlob biex isiru *double yellow lines* ta' metru kull naħa tad-*drive-in* tar-residenza tiegħu fi Triq il-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

22.10.39 Ilment 33/2020

Jitlob biex isiru *double yellow lines* ta' nofs metru kull naħa tal-garaxx tar-residenza tiegħu fi Triq il-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 22.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

22.11.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 22/2020-8 għall-perjodu bejn il-25 ta' Settembru 2020 u t-23 t'Ottubru 2020 li tammonta għal €19,579.59 ġiet approvata u ffirmata. Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri ddikjara kunflitt ta' interess għall-pagament numru 20. Il-Kunsillier Joseph Cauchi kien il-proponent filwaqt li il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil is-sekondant.

## 22.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

22.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-7.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 19 ta' Novembru 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 19 ta' Novembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR